IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 01**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**It-Tnejn 7 ta' Lulju 2014 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Paul Galea | Membru |
| Is-Sur Paul Grech | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**1.00 Ħatra ta' Ċerpersin**

1.01 Hekk kif jitlob l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, is-Sur George Attard, bħala l-aktar membru anzjan, ippresjeda l-laqgħa.

1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li minħabba l-fatt li ma saritx elezzjoni biex ġie maħtur dan il-Kumitat Amministrattiv, skont l- Att dwar il-Kunsilli Lokali trid issir votazzjoni fost il-Membri sabiex jinħatar iċ-Ċerpersin u Viċi Ċerpersin.

1.03 Is-Sur George Attard innomina lis-Sur Paul Grech bħala Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Issekonda din in-nomina s-Sur Anġlu Portelli. — Ħatra ta' Ċerpersin

1.04 Il-Membri ivvuttaw kif ġej:

George Attard – Favur
Paul Grech – Favur
Paul Galea – Astjena
Anġlu Portelli – Favur



8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Għaldqastant is-Sur Paul Grech ġie elett Ċerpersin bi tliet voti favur u astensjoni waħda.

## 2.00 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Ċerpersin

2.01 Is-Sur George Attard staqsa lis-Sur Paul Grech jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Ċerpersin għat-Tieni Leġiżlatura tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Ċerpersin

2.02 Is-Sur Paul Grech aċċetta l-kariga ta' Ċerpersin u ssottometta l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

2.03 Is-Sur George Attard iddikjara lis-Sur Paul Grech, Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

2.04 Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech irringrazzja lill-membri preżenti u kompla jippresiedi l-laqgħa.

## 3.00 Ħatra ta' Viċi Ċerpersin

3.01 Is-Sur Paul Grech innomina lis-Sur Paul Galea bħala Viċi Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. Issekonda din in-nomina s-Sur George Attard. Ħatra ta' Viċi Ċerpersin

3.02 Il-Membri ivvuttaw kif ġej:

Paul Grech – Favur
George Attard – Favur
Paul Galea – Favur
Anġlu Portelli – Favur

Għaldaqstant is-Sur Paul Galea ġie elett Viċi Ċerpersin b'erba' voti favur.

## 4.00 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Ċerpersin

4.01 Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech staqsa lis-Sur Paul Galea jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Viċi Ċerpersin għat-Tieni Leġiżlatura tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Ċerpersin

4.02 Is-Sur Paul Galea aċċetta l-kariga ta' Viċi Ċerpersin u ssottometta l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.00 Data tas-seduta li jmiss

5.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014 Data tas-seduta li jmiss

fil-5.00 ta' filgħaxija.

5.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014

Paul Grech
Ċerpersin

Orietta Masini Cardona
Segretarju Eżekuttiv